European Trade Mark and Design Network

**Kommunikazzjoni Komuni dwar l-Implementazzjoni tat-'Traduttur tal-PI" v1.3,**

24.9.2016

**Fid-19 ta' Ġunju 2012, il-Qorti tat is-sentenza tagħha għall-Każ C-307/10 "Traduttur tal-PI", fejn tat it-tweġibiet li ġejjin għall-mistoqsijiet imsemmija:**

1 – Id-Direttiva 2008/95 għandha tiġi interpretata bħala li tfisser li jinħtieġ li l-oġġetti u s-servizzi li għalihom qed tintalab il-protezzjoni tat-trejdmark tagħhom jiġu identifikati mill-applikant b'mod ċar u bi preċiżjoni sufficjenti biex l-awtoritajiet kompetenti u l-operaturi ekonomiċi, fuq dik il-bażi waħedha, ikunu jistgħu jistabbilixxu l-firxa tal-protezzjoni mogħtija mit-trejdmark;

2 – Id-Direttiva 2008/95 għandha tiġi interpretata bħala li tfisser li ma teskludix l-użu tal-indikazzjonijiet ġenerali tal-intestaturi tal-klassi tal-Klassifikazzjoni ta' Nizza biex jiġu identifikati l-oġġetti u s-servizzi li għalihom qed tintalab il-protezzjoni tat-trejdmark, sakemm din l-identifikazzjoni tkun ċara u preċiża b'mod sufficjenti;

3 – Kull applikant għal trejdmark nazzjonali li juża l-indikazzjonijiet nazzjonali kollha ta' intestatura ta' klassi partikulari tal-Klassifikazzjoni ta' Nizza biex jidentifika l-oġġetti u s-servizzi li għalihom tkun qed tintalab il-protezzjoni tad-trejdmark , għandu jispeċifika jekk l-applikazzjoni tiegħu għar-reġistrazzjoni tkunx maħsuba biex tkopri l-oġġetti jew s-servizzi kollha inklużi fil-lista alfabetika ta' dik il-klassi jew inkella xi wħud minn dawk l-oġġetti jew servizzi biss. Jekk l-applikazzjoni tkun tirrigwarda biss xi wħud minn dawk l-oġġetti jew servizzi, l-applikant irid jispeċifika liema oġġetti jew servizzi li jappartjenu f'dik il-klassi huma intenzjonati li jiġu koperti.

---

Din is-Sentenza tinfluwenza l-prattika tal-Uffiċċji tat-Trejdmarks kollha tal-Unjoni Ewropea u titlob konverġenza fl-interpretazzjoni tal-indikazzjonijiet ġenerali tal-Intestaturi tal-Klassi ta' Nizza. Mingħajr preġudizzju għall-fatt li kull Uffiċċju huwa marbut bil-leġislazzjoni nazzjonali tiegħu, bid-deċiżjonijiet tal-qrati nazzjonali u, f'ċerti każi, bil-komunikazzjonijiet preċedenti, hemm rieda u ħtieġa ta' kollaborazzjoni bil-għan li tiġi implimentata din is-Sentenza b'mod armonizzat sabiex tingħata ċertezza legali, kemm lill-awtoritajiet kompetenti kif ukoll lill-operaturi ekonomiċi.

Fir-rigward tal-ewwel mistoqsija, l-Uffiċċji tat-Trejdmarks tal-Unjoni Ewropea qegħdin jaħdmu flimkien biex jistabbilixxu ftehim komuni tar-rekwiżiti ta' ċarezza u preċiżjoni fid-denominazzjoni tal-oġġetti u s-servizzi u biex jiġi żviluppat sett komuni ta' prinċipji li għandhom jiġu applikati għall-prattiċi tal- klassifikazzjonijiet rispettivi tagħhom.

F'dak li għandu x'jaqsam mat-tieni mistoqsija, l-Uffiċċji tat-Trejdmarks tal-Unjoni Ewropea qegħdin jaħdmu flimkien biex jistabbilixxu liema mill-indikazzjonijiet ġenerali tal-Intestaturi tal-Klassi ta' Nizza huma aċċettabbli għall-klassifikazzjoni, dejjem skond il-kriterji ta' ċarezza u preċiżjoni msemmija qabel. Dan ser jirriżulta f'approċċ armonizzat fl-aċċettazzjoni tal-klassifikazzjoni ta' kull wieħed minnhom. Malli dan il-ftehim jiġi ffinalizzat, dan ser jiġi kkomunikat kif ikun xieraq.

Fir-rigward tat-tielet mistoqsija, l-Uffiċċji tat-Trejdmarks tal-Unjoni Ewropea ħolqu prospett (ara l-Anness) ta' kif kull wieħed mill-Uffiċċji jindirizza ċerti temi speċifiċi relatati mal-implimentazzjoni tas-sentenza tal-Qorti. Dan il-prospett ser jindirizza it-temi li ġejjin:

- Jirrifletti kif kull wieħed mill-Uffiċċji jinterpreta l-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni tat-trejdmarks tiegħu stess li fihom Intestaturi tal-Klassi ta' Nizza li tressqu qabel u wara s-Sentenza tat-"traduttur tal-PI".(Tabella 1, Tabella 2)
- Fih informazzjoni dwar kif kull wieħed mill-Uffiċċji jirrifletti fir-reġistri, fil-pubblikazzjonijiet u fiċ-ċertifikati tiegħu, l-intenzjoni tal-applikant fir-rigward tal-Intestaturi tal-Klassi ta' Nizza u l-lista alfabetika. (Tabella 3)
- Kull Uffiċċju Nazzjonali jinforma kif jinterpreta l-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni tat-Trejdmarks Komunitarji (TMK) li fihom Intestatura tal-Klassi ta' Nizza, imressqa qabel u wara s-sentenza tat-"traduttur tal-PI" (TPI).( (Tabella 4)
- EUIPO jinforma kif jinterpreta l-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni tat-trejdmarks nazzjonali li fihom Intestatura tal-Klassi ta' Nizza, imressqa qabel u wara
- s-sentenza TPI.( (Tabella 5)
- Trejdmarks sottomessi wara t-"Traduttur tal-PI" li fihom l-intestatura tal-klassi sħiħa: Kif jista' l-applikant jikseb protezzjoni għall-lista alfabetika sħiħa? (Tabella 6)

L-Uffiċċji tat-Trejdmarks tal-Unjoni Ewropa jtennu l-impenn tagħhom favur it-tkomplija tal-kollaborazzjoni fl-ambitu tal-Programm ta' Konverġenza, bl-għan li jkomplu jiżdiedu aktar it-trasparenza u l-prevedibbiltà għall-benefiċċju tal-eżaminaturi u tal-utenti bl-istess mod.

L-ewwel għan konkret huwa li titfassal lista armonizzata ta' oġġetti u servizzi aċċettabbli. Din għandha tiġi ppreżentata fi struttura ġerarkika viżwali li ser tippermetti lill-utent isib faċilment id-deskrizzjonijiet tal-oġġetti u s-servizzi li jaqblu mal-livell ta' protezzjoni mixtieqa. Din ser tiġi implimentata fl-għodod ta' klassifikazzjoni bħall-TMclass.

Filwaqt li l-istruttura ġerarkika taqdi finijiet amministrattivi biss u ma għandha l-ebda konsegwenza legali, ir-riżultat huwa għodda ta' klassifikazzjoni komprensiva u dinamika li, billi fiha terminoloġija aċċettata b'mod komuni, toffri aktar ċertezza għall-utent meta jiġi biex ifassal speċifikazzjonijiet ta' oġġetti u servizzi. Din ser tgħin lill-applikanti jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' ċarezza u preċiżjoni li ġew stabbiliti fis-Sentenza tat-"traduttur tal-PI".

IN-NETWERK EWROPEJ TAT-TREJDMARKS U D- DISINNI:

LISTA TA' UFFIĊĊJI - AT, BG, BX, CY, CZ, DE, DK, EE, ES, EUIPO, FI, FR, GR, HR, HU, IE, IT, LV, LT, MT, NO*, PL, PT, RO, SE, SI, SK, UK

* osservatur

**Tabella 1**

| TREJDMARKS SOTTOMESSI **QABEL** IT-"TRADUTTUR TAL-PI" LI FIHOM **INTESTATURI SĦAĦ TAL-KLASSI TA' NIZZA**<br>INTERPRETAZZJONI MILL-UFFIĊĊJU TAL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-PROTEZZJONI TAL-INTESTATURI TAL-KLASSI TAT-TREJDMARKS TIEGĦU **STESS** | | | |
|---|---|---|---|
| **Uffiċċju Nazzjonali** | **Intestaturi tal-Klassi li jkopru klassi sħiħa** | **It-termini tal-Intestaturi tal-Klassi għandhom jiġu interpretati litteralment (ifissru dak li jgħidu)** | **L-intestaturi tal-klassi jkopru t-tifsira litterali tal-intestaturi tal-klassi flimkien mal-lista alfabetika tal-edizzjoni ta' Nizza meta saret is-sottomissjoni** |
| **AT** | | X | |
| **BG** | X | | |
| **BX** | | X | |
| **CY** | | X | |
| **CZ** | | X | |
| **DE** | | X | |
| **DK** | | X | |
| **EE** | | X | |
| **ES** | | X | |
| **EUIPO** | | X | |
| **FI** | X | | |
| **FR** | | X | |
| **GR** | X | | |
| **HR** | | X | |
| **HU** | | | X |
| **IE** | | X | |
| **IT** | X | | |
| **LV** | | X | |
| **LT** | | | X |
| **MT** | X | | |
| **NO** | | X | |
| **PL** | | X | |
| **PT** | | X | |
| **RO** | | | X |
| **SE** | | X | |
| **SI** | | X | |
| **SK** | | X | |
| **UK** | | X | |

## Tabella 2

| TREJDMARKS SOTTOMESSI **WARA** IT-"TRADUTTUR TAL-PI" LI FIHOM **INTESTATURI SĦAĦ TAL-KLASSI TA' NIZZA**<br>INTERPRETAZZJONI MILL-UFFIĊĊJU TAL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-PROTEZZJONI TAT-TREJDMARKS TIEGĦU **STESS** | | | |
|---|---|---|---|
| **Uffiċċju Nazzjonali** | **Intestaturi tal-Klassi li jkopru klassi sħiħa** | **It-termini tal-Intestaturi tal-Klassi għandhom jiġu interpretati litteralment (ifissru dak li jgħidu)** | **L-intestaturi tal-klassi jkopru t-tifsira litterali tal-intestaturi tal-klassi flimkien mal-lista alfabetika tal-edizzjoni ta' Nizza meta saret is-sottomissjoni** |
| **AT** | | **X** | |
| **BG** | | **X** | |
| **BX** | | **X** | |
| **CY** | | **X** | |
| **CZ** | | **X** | |
| **DE** | | **X** | |
| **DK** | | **X** | |
| **EE** | | **X** | |
| **ES** | | **X** | |
| **EUIPO** | | **X** | |
| **FI** | | **X** | |
| **FR** | | **X** | |
| **GR** | | **X** | |
| **HR** | | **X** | |
| **HU** | | | **X** |
| **IE** | | **X** | |
| **IT** | | **X (minn 20.5.2014)** | **X (minn 3.5.2013)** |
| **LV** | | **X** | |
| **LT** | | | **X** |
| **MT** | | **X** | |
| **NO** | | **X** | |
| **PL** | | **X** | |
| **PT** | | **X** | |
| **RO** | | | **X** |
| **SE** | | **X** | |
| **SI** | | **X** | |
| **SK** | | **X** | |
| **UK** | | **X** | |

**Tabella 3**

| TREJDMARKS SOTTOMESSI **WARA** IT-"TRADUTTUR TAL-PI" LI FIHOM **INTESTATURI SĦAĦ TAL-KLASSI TA' NIZZA**<br>KIF L-UFFIĊĊJU JIRRIFLETTI L-INTENZJONI TAL-APPLIKANT FIR-RIGWARD TAL-INTESTATURI TAL-KLASSI U/JEW IL-LISTA ALFABETIKA | | |
|---|---|---|
| **Uffiċċju Nazzjonali** | **L-oġġetti u s-servizzi kollha li tkun tressqet applikazzjoni għalihom jew ġew irreġistrati sejrin jiġu elenkati individwalment** | **Sejra tkun disponibbli referenza ġenerali għall-edizzjoni applikabbli tal-lista alfabetika** |
| AT | X | |
| BG | X | |
| BX | X (fil-pubblikazzjonijiet, iċ-ċertifikati u r-reġistru) | X (fl-applikazzjoni) |
| CY | X | |
| CZ | X | |
| DE | X | |
| DK | X | |
| EE | X | |
| ES | X | |
| EUIPO | X | |
| FI | X (minn 1. 1. 2014) | X (sal-31. 12. 2013) |
| FR | X | |
| GR | | X |
| HR | X | |
| HU | | X |
| IE | X | |
| IT | X (minn 20.5.2014) | X (minn 3.5.2013) |
| LV | X | |
| LT | X | |
| MT | X | |
| NO | X | |
| PL | X | |
| PT | X | |
| RO | | X |
| SE | X | |
| SI | X | |
| SK | X | |
| UK | X | |

Tabella 4

| KIF SEJJER JIĠI INTERPRETAT L-KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAT-TMK LI FIHOM INDIKAZZJONIJIET ĠENERALI GĦALL-INTESTATURI TAL-KLASSI TA' NIZZA | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Uffiċċju Nazzjonali | Għat-TMK sottomessi qabel it-"traduttur tal-PI" | | | Għat-TMK sottomessi wara it-"traduttur tal-PI" | | |
| | Termini tal-intestaturi tal-klassi għandhom jiġu interpretati litteralment | L-intestaturi tal-klassi jkopru l-oġġetti u s-servizzi kollha fil-klassi | Intestaturi tal-klassi jkopru s-sens litterali tat-termini tal-intestaturi tal-klassi flimkien mal-lista alfabetika valida meta saret is-sottomissjoni | Termini tal-intestaturi tal-klassi għandhom jiġu interpretati litteralment | L-intestaturi tal-klassi jkopru l-oġġetti u s-servizzi kollha fil-klassi | Intestaturi tal-klassi jkopru s-sens litterali tat-termini tal-intestaturi tal-klassi flimkien mal-lista alfabetika valida meta saret is-sottomissjoni |
| AT | X | | | X | | |
| BG | | X | | X | | |
| BX | X | | | X | | |
| CY | X | | | X | | |
| CZ | X | | | X | | |
| DE | X | | | X | | |
| DK | X | | | X | | |
| EE | X | | | X | | |
| ES | X | | | X | | |
| EUIPO | X | | | X | | |
| FI | | | X | X | | |
| FR | X | | | X | | |
| GR | | X | | X | | |
| HR | X | | | X | | |
| HU | | | X | X | | |
| IE | X | | | X | | |
| IT | | X | | X | | |
| LV | X | | | X | | |
| LT | | | X | X | | |
| MT | | X | | X | | |
| PL | X | | | X | | |
| PT | X | | | X | | |
| RO | | | X | X | | |
| SE | X | | | X | | |
| SI | X | | | X | | |
| SK | X | | | X | | |
| UK | X | | | X | | |

**Tabella 5**

| INTERPRETAZZONI TAL-EUIPO TAL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAT-TREJDMARKS NAZZJONALI LI FIHOM INDIKAZZJONIJIET ĠENERALI GĦALL-INTESTATURI TAL-KLASSI TA' NIZZA | |
|---|---|
| **Għat-trejdmarks sottomessi qabel it-traduttur tal-IP** | **Għat-trejdmarks sottomessi wara t-traduttur tal-IP** |
| L-EUIPO ser jaċċetta l-prattika ta' sottomissjoni tal-Uffiċċji tat-Trejdmarks kolha tal-UE. It-trejdmarks nazzjonali għandhom l-iskop ta' protezzjoni li jiġi mogħti mill-Uffiċċju Nazzjonali **sakemm l-Uffiċċju Nazzjonali jinterpreta l-Intestaturi tal-Klassi biex ikopri l-oġġetti u s-servizzi kollha fil-Klassi**. F'dan il-każ, it-trejdmark Nazzjonali li tinkludi intestaturi tal-Klassi ta' Nizza tiġi interpretata bħala li tkopri l-intestatura tal-klassi fuq bażi 'litterali' flimkien mal-lista alfabetika tal-edizzjoni ta' Nizza fis-seħħ fiż-żmien tas-sottomissjoni. | **Termini għandhom jiġu interpretati litteralment** |

Tabella 6

| Trejdmarks sottomessi wara t-"Traduttur tal-PI" li fihom l-intestatura tal-klassi sħiħa: Kif jista' l-applikant jikseb protezzjoni għall-lista alfabetika sħiħa? | | | |
|---|---|---|---|
| Uffiċċju Nazzjonali | Billi timtela dikjarazzjoni | Permezz ta' kaxxa elettronika fejn timmarka | Billi jiġi elenkat kull wieħed mit-termini b'mod individwali |
| AT | | | X |
| BG | X | | X |
| BX | X | | |
| CY | | | X |
| CZ | | | X |
| DE | | | X |
| DK | | | X |
| EE | | | X |
| ES | | | X |
| EUIPO | | | X |
| FI | X (sal-31. 12. 2013) | | X (minn 1. 1. 2014) |
| FR | | | X |
| GR | X | | |
| HR | | | X |
| HU | X | X | |
| IE | | | X |
| IT | X (minn 3.5.2013) | | X (minn 20.5.2014) |
| LV | | | X |
| LT | X | | X |
| MT | | | X |
| NO | | | X |
| PL | | | X |
| PT | | | X |
| RO | X | | |
| SE | | | X |
| SI | | | X |
| SK | | | X |
| UK | | | X |